

32005D0370

17.5.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 124/1

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Frar 2005

**dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteeipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali**

(2005/370/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

(3) Il-Konvenzjoni ta' Aarhus hi miftuħa għar-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni minn Stati u minn organizzazzjonijiet reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2), u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3), tiegħu,

(4) Skond it-termini tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, organizzazzjoni reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika għandha tid-dikjara fl-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni tagħha, il-miżura tal-kompetenza tagħha rigward il-kwistjonijiet irregolati mill-Konvenzjoni.

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

(5) Il-Komunità, f'konformità mat-Trattat, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu, hija kompetenti, flimkien ma' l-Istati Membri tagħha, biex tidħol fi ftehim internazzjonali, u biex timplimenta l-obbligi li jirriżultaw minnhom, li jikkontribwixxu għat-twettiq ta' l-għanijiet elenkati fl-Artikolu 174 tat-Trattat.

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni UN/ECE dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteeipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali ("il-Konvenzjoni ta' Aarhus") timmira li tagħti d-drittijiet pubbliċi u timponi fuq il-Partijiet u l-awtoritajiet pubbliċi obbligi fir-rigward ta' l-aċċess għall-informazzjoni u l-parteeipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja fir-rigward ta' kwistjonijiet ambjentali.

(6) Il-Komunità u l-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri tagħha ffirmaw il-Konvenzjoni ta' Aarhus fl-1998 u minn dak-inhar wettqu l-isforzi tagħhom minħabba l-approvazzjoni tagħhom tal-Konvenzjoni. Sadattant, leġislazzjoni rilevanti Komunitarja qed tiġi magħmula konsistenti mal-Konvenzjoni.

(2) It-titjib ta' l-aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni u parteeipazzjoni usa' tal-pubbliku fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja huma għodda essenzjali biex tiġi żgurata kuxjenza pubblika dwar kwistjonijiet ambjentali u għall-promozzjoni ta' implimentazzjoni u infurzar itjeb tal-leġislazzjoni ambjentali. B'hekk, jikkontribwixxi biex isaħħaħ u jagħmel iktar effettivi l-linji politiċi ta' protezzjoni ambjentali.

(7) L-għan tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, kif stabbilit fl-Artikolu 1 tagħha, hu konsistenti ma' l-għanijiet tal-politika ambjentali tal-Komunità, li jinsabu elenkati fl-Artikolu 174 tat-Trattat li f'konformità magħhom, il-Komunità, li taq-sam il-kompetenza ma' l-Istati Membri tagħha, diġà adottat sett komprensiv ta' leġislazzjoni li qed jevolvi u jikkontribwixxi għall-kisba ta' l-għan tal-Konvenzjoni, mhux biss mill-istituzzjonijiet tagħha, iżda wkoll mill-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri.

<sup>(1)</sup> Opinjoni mogħtija fil-31.3.2004.

(8) Il-Konvenzjoni ta' Aarhus għandha għalhekk tiġi approvata,

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna/i li għandha/hom (i)s-setgħa tiddepożita/jiddepożitaw l-istrument ta' approvazzjoni mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, skond l-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Fl-istess ħin, il-persuna/i nnominata/i għandha/hom tiddepożita/jiddepożitaw id-dikjarazzjonijiet previsti f'din id-Deċiżjoni, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

*Artikolu 1*

*Artikolu 3*

Il-Konvenzjoni UN/ECE dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, ("il-Konvenzjoni ta' Aarhus") hi hawnhekk approvata f'isem il-Komunità.

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, nhar is-17 ta' Frar 2005.

It-test tal-Konvenzjoni ta' Aarhus hu meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
 J.-C. JUNCKER

## ANNEX

**DIKJARAZZJONI MILL-KOMUNITA' EWROPEA SKOND L-ARTIKOLU 19 TAL-KONVENZJONI DWAR  
L-AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI, IL-PARTEĊIPAZZJONI PUBBLIKA FIT-TEĦID TA' DEĊIŻJONIJET U  
L-AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA FI KWISTJONIJET AMBJENTALI**

Il-Komunità Ewropea tiddikjara li, f'konformità mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu, hija kompetenti biex tidħol fi ftehim internazzjonali, u biex timplimenta l-obbligi li jirriżultaw minnhom, li jikkontribwixxu għat-twettiq ta' l-għanijiet li ġejjin:

- il-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità ta' l-ambjent;
- il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;
- l-utilizzazzjoni prudenti u razzjonali ta' riżorsi naturali;
- il-promozzjoni ta' miżuri fuq livell internazzjonali sabiex jiġu trattati problemi ambjentali reġjonali jew fid-dinja kollha.

Barra minn hekk, il-Komunità Ewropea tiddikjara li diġà adottat ħafna strumenti legali, li jorbtu lill-Istati Membri, li jimplementaw dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u ser tippreżenta u taġġorna, kif xieraq lista ta' dawk l-istrumenti legali lid-Depożitarju skond l-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 19(5) tal-Konvenzjoni. B'mod partikolari, il-Komunità Ewropea tiddikjara wkoll li l-istrumenti legali fis-seħħ ma jkoprox b'mod sħiħ l-implimentazzjoni ta' l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni billi jirrigwardaw proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji biex jiġu kkontestati atti u ommisjonijiet minn persuni privati u awtoritajiet pubbliċi minbarra l-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea kif koperti mill-Artikolu 2(2)(d), tal-Konvenzjoni, u li b'riżultat ta' dan, l-Istati Membri tagħha huma responsabbli għall-eżekuzzjoni ta' dawn l-obbligi fil-ħin ta' l-approvazzjoni tal-Konvenzjoni mill-Komunità Ewropea u jibqgħu hekk sakemm u sa meta l-Komunità, fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha taħt it-Trattat KE, tadotta dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja li jkopru l-implimentazzjoni ta' dawk l-obbligi.

Fl-aħħar, il-Komunità ttenni d-dikjarazzjoni tagħha magħmula ma' l-iffirmar tal-Konvenzjoni li l-istituzzjonijiet Komunitarji ser japplikaw il-Konvenzjoni fi ħdan il-qafas tar-regoli eżistenti u futuri tagħhom dwar l-aċċess għad-dokumenti u regoli rilevanti oħra tal-liġi Komunitarja fil-qasam kopert mill-Konvenzjoni.

Il-Komunità Ewropea hi responsabbli għat-twettiq ta' dawk l-obbligi li jirriżultaw mill-Konvenzjoni li huma koperti mill-liġi Komunitarja fis-seħħ.

L-eżerċizzju tal-kompetenza Komunitarja hija, skond in-natura tagħha, suġġett għal żvilupp kontinwu.

**DIKJARAZZJONI MILL-KOMUNITA' EWROPEA DWAR ĊERTI DISPOŻIZZJONIJET SPEĊIFIĊI  
TAĦT ID-DIRETTIVA 2003/4/KE**

Fir-rigward ta' l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, il-Komunità Ewropea tistieden lill-Partijiet għall-Konvenzjoni biex jieħdu nota ta' l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jan-nar 2003 dwar l-Aċċess Pubbliku għall-Infurmazzjoni Ambjentali. Dawn id-dispożizzjonijiet jagħtu lill-Istati Membri tal-Komunità Ewropea l-possibbiltà, f'każijiet eċċezzjonali u taħt kondizzjonijiet strettament speċifiċi, li jeskludu ċerti istituzzjonijiet u korpi mir-regoli dwar il-proċeduri ta' revizzjoni fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar talbiet għall-infurmazzjoni.

Għaldaqstant ir-ratifika mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni ta' Aarhus tinkludi kwalunkwe riserva minn Stat Membru tal-Komunità Ewropea safejn tali riserva hi kompatibbli ma' l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/4/KE.